IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2020
COM(2020) 664 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (riformulazzjoni)

{SWD(2020) 229 final}

INTRODUZZJONI

Data affidabbli u kompluta hija kruċjali għall-ġestjoni tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)[1], li hija bbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. L-istrument ewlieni għall-ġbir u għall-ġestjoni tad-*data*[2] huwa r-Regolament (UE) 2017/1004[3] (ir-"regolament qafas għall-ġbir ta' *data*" jew ir-"Regolament dwar id-DCF"), riformulazzjoni tal-predeċessur tiegħu tal-2008[4]. Id-DCF jistabbilixxi l-approċċ armonizzat għall-ġbir fl-Unjoni kollha mill-Istati Membri (SM) ta' *data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika għas-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar (l-Anness 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (CSWD)).

Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament dwar id-DCF, il-Kummissjoni Ewropea hija mitluba tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-Regolament. Dan ir-Rapport jissodisfa dan l-obbligu.

Id-DCF jenfasizza l-approċċ xprunat mill-utent finali u r-reġjonalizzazzjoni tal-ġbir ta' *data*, u joħloq gruppi ta' koordinazzjoni reġjonali (RCGs). Skont id-DCF, l-Istati Membri jeżegwixxu l-ġbir ta' *data* tagħhom permezz ta' pjanijiet ta' ħidma nazzjonali u jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni permezz ta' rapporti annwali. Għall-ewwel darba, jistgħu wkoll jissottomettu pjanijiet ta' ħidma reġjonali, ikkoordinati fil-livell tal-baċir tal-baħar, biex jissupplimentaw (jew jissostitwixxu) partijiet rilevanti tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali.

Id-DCF jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta deċiżjonijiet tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir ta' *data* (MAP tal-UE), li jistabbilixxi l-obbligi dettaljati dwar il-ġbir ta' *data* tal-Istati Membri. Il-MAP tal-UE ta' bejn l-2017 u l-2019[5] kien diġà parzjalment allinjat mar-Regolament dwar id-DCF; Il-MAP tal-UE tal-2020/2021[6] (li jikkonsisti f'żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni) huwa kompletament ibbażat fuq ir-Regolament dwar id-DCF. Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

[2] Leġiżlazzjoni oħra jista' jkollha obbligi indipendenti ta' ġbir ta' *data*, bħar-Regolament dwar il-Baħar Fond, ir-Regolament dwar il-Kontroll; obbligi miftiehma internazzjonalment ukoll, bħar-Regolament dwar l-ICCAT, pjan ta' rkupru pluriennali għat-tonn blu fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran, pjan ta' rkupru pluriennali għall-pixxispad tal-Mediterran, ir-Regolament dwar in-NAFO, ir-Regolament dwar is-CCAMLR, ir-Regolament dwar l-SPRFMO u r-Regolament dwar l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għat-tonn.

[3] Ir Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008, ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1.

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 199/2008 tal-25 ta' Frar 008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd, ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

[6] Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 tat-13 ta' Marzu 2019 li tistabbilixxi l-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, ĠU L 145, 4.6.2019, p. 27.

(FEMS)[7] ilu mill-2014 jipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tal-ġbir ta' *data*.

L-IMPLIMENTAZZJONI U L-FUNZJONAMENT TAL-LEĠIŻLAZZJONI

1. Atturi ewlenin taħt il-qafas għall-ġbir ta' data

1.1. Stati Membri

L-Istati Membri huma responsabbli għall-ġbir u l-ħżin ta' *data*, għall-kwalità u għall-kompletezza tad-*data* primarja, u għall-protezzjoni tad-*data* skont l-obbligi legali. L-Istati Membri kollha għandhom sistema fis-seħħ għall-ġbir, għall-ħżin u għall-ġestjoni ta' *data*, u kollha ssottomettew pjanijiet ta' ħidma nazzjonali (li jkopru l-perjodu bejn l-2017 u l-2019 u l-2020/2021) għall-adozzjoni mill-Kummissjoni. Il-pjan ta' ħidma jiġi implimentat minn istitut xjentifiku wieħed jew aktar fl-Istati Membri, ħafna drabi skont id-daqs u d-diversità tas-sajd.

F'konformità mal-obbligi legali, l-Istati Membri kollha jorganizzaw laqgħat ta' koordinazzjoni nazzjonali u ħatru korrispondent nazzjonali, responsabbli għall-koordinazzjoni interna, biex id-*data* tkun disponibbli għall-utenti finali u biex ikun hemm kollegament mal-Kummissjoni. Network stabbli ta' korrispondenti nazzjonali (taħt is-sottogrupp tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ġbir ta' *Data* dwar is-Sajd) iffaċilita b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

1.2. Gruppi ta' koordinazzjoni reġjonali

Skont l-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni, l-RCGs jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-DCF u jistgħu jissottomettu pjanijiet ta' ħidma reġjonali li jtejbu l-koordinazzjoni fil-baċiri tal-baħar korrispondenti, biex isostnu aktar il-parir xjentifiku affidabbli. Bħala membru, il-Kummissjoni tipparteċipa fil-laqgħat annwali u intersessjonali. L-utenti finali jipparteċipaw bħala osservaturi (l-Anness 2 tas-CSWD).

Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DCF inħolqu sitt RCGs ġodda. Tnejn minnhom ġew fużi fl-2019, u dan ifisser li bħalissa hemm ħames RCGs: l-RCG tal-Baltiku; l-RCG tal-Atlantiku tat-Tramuntana, tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Artiku tal-Lvant; l-RCG tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed; l-RCG tal-Ispeċijiet Pelaġiċi Kbar; u l-RCG tas-Sajd fuq Distanza Twila (l-Anness 2 tas-CSWD). Il-Grupp ta' Ppjanar pan-Ewropew dwar l-ekonomija (PGECON) jikkoordina dwar kwistjonijiet soċjoekonomiċi.

1.3. L-utenti finali

L-utenti finali jagħtu parir xjentifiku jew għandhom interessi fir-riċerka jew fil-ġestjoni fl-analiżi (xjentifika) tad-*data* fis-settur tas-sajd. L-utenti finali ewlenin huma:

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

i) il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li jipprovdi parir xjentifiku dwar ir-riżorsi tal-baħar fl-Atlantiku tal-Grigal;

ii) il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), grupp ta' esperti tal-Kummissjoni li jipprovdi parir dwar għadd ta' kwistjonijiet (inkluż il-ġbir ta' *data*, il-politika dwar ir-rimi, l-użu tar-riżorsi fil-Mediterran u l-ekonomija tal-flotot);

iii) kumitati xjentifiċi ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, taħt ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

Is-servizzi tal-Kummissjoni (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), DĠ MARE) huma wkoll utenti finali, pereżempju għall-analiżi ekonomika dwar is-sajd u l-akkwakultura. Id-DCF jippermetti l-użu ta' *data* minn firxa wiesgħa ta' utenti finali. Il-grupp ta' utenti finali ewlenin baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu ta' rapportar, b'numru limitat biss ta' utenti finali ġodda miżjuda.

L-utenti finali jirċievu *data* permezz ta' sejħiet għad-*data* maħruġa lill-Istati Membri jew taħt l-obbligi ta' rapportar (fil-każ tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd[8]). Bejn l-2017 u l-2019, tlestew 72 sejħa għad-*data* u obbligi ta' rapportar (l-Anness 3 tas-CSWD).

1.4. Ospitanti tal-bażijiet ta' data reġjonali

Il-bażijiet ta' *data* reġjonali jiffaċilitaw il-ħidma tal-utenti finali fil-baċiri tal-baħar. Il-bażijiet ta' *data* jippermettu li l-kompletezza u l-affidabbiltà tad-*data* jiġu rieżaminati, u li l-iżbalji tad-*data* jiġu kkoreġuti u mnaqqsa.

Teżisti bażi ta' *data* reġjonali waħda għall-erba' baċiri tal-baħar fl-Atlantiku tal-Grigal (il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-ilmijiet tal-Majjistral u tal-Lbiċ tal-Unjoni). *Fishframe* hija ospitata mill-ICES, li taħżen, tamministra u tuża d-*data*. L-ICES jagħmel sejħiet għad-*data* permezz ta' bażi ta' *data* oħra (*Intercatch*) (l-Anness 3 tas-CSWD). Flimkien mal-parir dwar l-istokk, din il-bażi ta' *data* ppermettiet lill-ICES jipproduċi u jwettaq prospetti reġjonali dwar is-sajd u disinni ta' kampjunar għas-sajd kummerċjali. L-ICES għandu l-għan li jintegra ż-żewġ bażijiet ta' *data* f'sistema waħda ta' bażi ta' *data* u ta' stima.

Għall-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed ma teżisti l-ebda bażi ta' *data* reġjonali minkejja sensiela ta' analiżijiet ta' fattibbiltà. Il-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tidentifika ospitu għal din il-bażi ta' *data*.

Il-JRC jospita bażi ta' *data* mifruxa mal-UE kollha dwar is-sajd u l-akkwakultura, inkluż *data* disponibbli għall-pubbliku. Il-JRC iħejji d-*data* li tintuża għal suġġetti speċifiċi (eż. il-bilanċ tal-flotta, ir-reġimi tal-isforz) b'appoġġ għas-servizzi tal-Kummissjoni u l-ħidma konsultattiva tal-STECF, iżda wkoll għar-riċerka mill-partijiet terzi. Il-JRC jappoġġa l-ħidma

[8] Għal raġunijiet istituzzjonali, fejn il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-UE bħala Parti Kontraenti fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jissottomettu d-*data* u r-rapporti meħtieġa u jibagħtu d-*data* lill-organizzazzjonijiet. Il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) hija eċċezzjoni minħabba li parti mid-*data* tintbagħat mill-Istati Membri nfushom.

taħt id-DCF billi jospita l-Għodda għall-Monitoraġġ tat-Trażmissjoni tad-Data u s-sit web tad-DCF[9].

1.5. Il-Kummissjoni Ewropea

Minbarra li teżerċita d-dritt ta' inizjattiva tagħha li tipproponi leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni għandha diversi rwoli skont id-DCF biex tiżgura implimentazzjoni xierqa. Hija tapprova l-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tal-Istati Membri (54 pjan ta' ħidma/emendi tal-Istati Membri adottati bejn l-2017 u l-2020) u tivvaluta l-implimentazzjoni tagħhom permezz tar-rapporti annwali (77 rapport annwali bejn l-2017 u l-2019), wara evalwazzjoni mill-STECF.

Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri u lill-RCGs fl-implimentazzjoni tal-obbligi tal-ġbir ta' *data* u żżomm kuntatti mill-qrib u regolari permezz ta' żjarat u laqgħat (l-Anness 4 tas-CSWD).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni perjodikament tivverifika il-konformità tal-Istati Membri mal-kriterji għall-finanzjament tal-FEMS, filwaqt li tivvaluta l-kwalità u l-affidabbiltà tat-trażmissjoni tad-*data* tal-Istati Membri.

1.6. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd

Id-DCF jidentifika l-STECF bħala l-korp xjentifiku għall-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali u r-rapporti annwali tal-Istati Membri u għall-evalwazzjoni tal-kwistjonijiet tad-*data*.

Sabiex tiġi żgurata l-kwalità xjentifika tar-rekwiżiti tad-*data*, l-STECF (l-Anness 5 tas-CSWD) jiġi kkonsultat ukoll dwar l-iżvilupp u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (eż. il-MAP tal-UE, il-mudelli għall-pjanijiet ta' ħidma u r-rapporti annwali) u dwar kwistjonijiet ta' kwalità tad-*data* li għandhom x'jaqsmu ma' dawn id-deċiżjonijiet.

1.7. Grupp ta' Esperti dwar il-ġbir ta' Data dwar is-Sajd u l-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura

Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Ġbir ta' *Data* dwar is-Sajd[10] għandu sottogruppi:

i) Il-*grupp tal-Korrispondenti Nazzjonali* għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tad-DCF mill-Istati Membri;
ii) *Laqgħa ta' kollegament* għall-koordinazzjoni tal-RCGs dwar kwistjonijiet lil hinn mir-reġjuni tal-baħar;
iii) *PGECON* għall-koordinazzjoni tal-ġbir ta' *data* soċjoekonomika;
iv) *Grupp tas-sistemi tal-IT tad-data* – inattiv.

Kull sena saru laqgħat tas-sottogruppi matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. Dawn is-sottogruppi taw parir dwar firxa ta' suġġetti.

Il-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura ta parir pożittiv dwar l-abbozz tal-MAP tal-UE tal-2020/2021 (parti mid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni).

[9] https://datacollection.jrc.ec.europa.eu/index.html
[10] https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2750

2. L-għodod u l-attivitajiet ewlenin taħt il-Qafas għall-Ġbir ta' Data

2.1. Programm pluriennali tal-Unjoni

Id-DCF jipprevedi l-MAP tal-UE li jagħti dettalji dwar ir-rekwiżiti għall-ġbir ta' *data* mill-Istati Membri, jelenka stħarriġiet xjentifiċi obbligatorji fuq il-baħar u jistabbilixxi limiti għall-ġbir ta' *data*. L-obbligi skont il-MAP tal-UE jirriflettu l-ħtiġijiet identifikati tal-utenti finali għad-*data* (l-Anness 6 tas-CSWD).

Il-MAP tal-UE għal bejn l-2017 u l-2019[11] kien segwit minn żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni[12] li jiffurmaw il-MAP tal-UE għall-2020/2021, adottati fil-bidu tal-2019.

Il-MAP tal-UE lil hinn mill-2021 qed jitħejja, bl-involviment ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, mal-utenti finali u xjentifiċi wesgħin (l-Anness 7 tas-CSWD). Dan se jiġi allinjat mal-FEMS il-ġdid u jkun jinkludi aġġornamenti tal-listi tal-ispeċijiet u ż-żoni ta' ġestjoni, u tal-varjabbli ekonomiċi u soċjali. Se jinkludi wkoll reviżjoni tar-rekwiżiti dwar il-ġbir ta' *data* dwar speċijiet sensittivi, is-sajd rikreattiv, speċijiet migratorji bejn l-ilma mielaħ u l-ilma ħelu, l-akkwakultura u l-ekosistemi tal-baħar, kif ukoll rieżami tal-lista ta' stħarriġiet xjentifiċi obbligatorji fuq il-baħar u tal-limiti għall-ġbir ta' *data*.

2.2. Programmi ta' ħidma pluriennali

Skont il-MAP tal-UE, l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni pjanijiet ta' ħidma nazzjonali pluriennali, skont il-mudelli u l-linji gwida għas-sottomissjoni stabbiliti f'Deċiżjoni apposta (l-Anness 8 tas-CSWD)[13]. Wara rieżami xjentifiku mill-STECF, il-Kummissjoni tapprova l-pjanijiet ta' ħidma. Kull sena l-Istati Membri jistgħu jissottomettu emendi għall-pjanijiet ta' ħidma tagħhom.

Il-Kummissjoni adottat 27 pjan ta' ħidma pluriennali tal-Istati Membri għal bejn l-2017 u l-2019, flimkien ma' 35 emenda sussegwenti (19 għall-2018 biex taġġusta għar-Regolament dwar id-DCF, u 16 għall-2019). Saru emendi wara i) osservazzjonijiet mill-STECF jew mill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet ta' ħidma adottati fl-2016, ii) osservazzjonijiet mill-STECF jew mill-Kummissjoni dwar ir-rapport annwali tal-Istati Membri, iii) rakkomandazzjonijiet mill-RCGs u mill-PGECON, u iv) bidliet fis-sajd b'effett fuq il-kampjunar.

F'Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat 27 pjan ta' ħidma ġdid taħt il-MAP tal-UE għall-2020/2021 wara valutazzjoni pożittiva mill-STECF[14].

2.3. Rapporti annwali

[11] Dan il-MAP tal-UE kien diġà parzjalment allinjat mar-Regolament il-ġdid dwar id-DCF, b'mod partikolari fir-rigward ta': 1) il-ġbir ta' *data* bbażat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti finali u adattat skont il-livell reġjonali tal-baħar; 2) *data* li tippermetti l-ġestjoni tax-xjenza u r-riżorsi allinjata mal-objettiv tal-PKS ta' rendiment massimu sostenibbli u l-obbligu ta' ħatt l-art; 3) *data* dwar l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar usa' (ekosistemi, speċijiet protetti, ħabitats); u 4) aktar *data* dwar is-sajd rikreattiv, l-akkwakultura, l-ekonomija tas-sajd u l-ipproċessar tal-ħut.

[12] Il-qasma hija konsegwenza ta' dispożizzjonijiet ġodda fir-Regolament dwar id-DCF (l-Artikolu 4(1)).

[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1701 tad-19 ta' Awwissu.

[14] Għal 21 minn dawn il-pjanijiet ta' ħidma, l-STECF issottometta kummenti li għandhom jitqiesu għal sottomissjonijiet futuri.

L-Istati Membri huma obbligati jirrapportaw kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma tagħhom, billi jsegwu formati u skedi ta' żmien skont Deċiżjoni speċifika[15]. Matul il-perjodu ta' rapportar ta' bejn l-2017 u l-2019, l-Istati Membri kollha ssottomettew rapporti annwali fil-ħin.

L-STECF jivvaluta r-rapporti annwali tal-Istati Membri[16]. Abbażi ta' dan, u bl-użu tal-Għodda għall-Monitoraġġ tat-Trażmissjoni tad-*Data*, il-Kummissjoni timpenja ruħha mal-Istati Membri biex tiżgura s-segwitu, l-aġġustamenti ta' matul is-sena u l-integrazzjoni tal-konklużjonijiet fix-xogħol u fl-ippjanar attwali. L-utenti finali jipprovdu feedback dwar kwistjonijiet ta' trażmissjoni tad-*data* ("fallimenti"), li jiġu analizzati, ikkategorizzati (skont is-severità, it-tip, il-kopertura, il-kwalità, il-puntwalità) u segwiti mill-Istati Membri[17]. Il-Kummissjoni aċċellerat l-azzjoni tagħha mill-2018 u dan irriżulta f'xejriet pożittivi fis-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' trażmissjoni tad-*data* u fit-titjib tal-prestazzjoni tal-Istati Membri.

Fl-2018/2019, il-Kummissjoni analizzat il-prestazzjoni tal-Istati Membri bejn l-2014 u l-2017 fid-dawl tal-kriterji ta' nuqqas ta' konformità għall-finanzjament taħt il-FEMS. Il-prestazzjoni ta' 21 Stat Membru tqieset sodisfaċenti. L-analiżi identifikat sitt Stati Membri li l-prestazzjoni u l-forniment tad-*data* tagħhom kienu jeħtieġu titjib sinifikanti. Fi djalogu ma' dawn l-Istati Membri ġew identifikati u miftiehma oqsma ta' titjib, li għandhom jiġu applikati minnufih u (fl-emendi) għall-pjanijiet ta' ħidma sussegwenti tagħhom. Ma' wieħed minn dawn is-sitt Stati Membri ntlaħaq qbil dwar *pjan ta' azzjonijiet* speċifiku (implimentat strettament mill-2020). Il-prestazzjoni matul l-2018/2019 se tiġi vvalutata fit-tieni nofs tal-2020.

Id-*data* miġbura dwar is-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi b'appoġġ għall-parir xjentifiku u l-implimentazzjoni tal-PKS b'mod ġenerali identifikat restrizzjonijiet. Fl-2020, l-STECF ħareġ parir dwar it-titjib tal-ġbir ta' *data* u d-DĠ MARE beda studju biex jikseb prospett sistematiku tal-ħtiġijiet tad-*data* u approċċ futur possibbli.

2.4. Studji pilota

Skont il-MAPs tal-UE għal bejn l-2017 u l-2019 u l-2020/2021, l-Istati Membri jridu jwettqu studji pilota biex jesploraw u jiżviluppaw metodi għall-ġbir ta' *data* f'diversi oqsma:

i) is-sajd rikreattiv,
ii) l-impatti tal-attivitajiet tas-sajd fuq ir-riżorsi ħajjin tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar tagħhom,
iii) *data* soċjali dwar l-impjiegi, u
iv) *data* ambjentali dwar l-akkwakultura (l-Anness 9 tas-CSWD).

Il-biċċa l-kbira tal-istudji pilota għadhom qed isiru, b'riżultati sħaħ mistennija bejn l-2020 u l-2022. Ladarba jiġu ffinalizzati, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fl-

[15] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1283 tal-24 ta' Awwissu 2018.
[16] https://stecf.jrc.ec.europa.eu/reports/dcf-dcr .
[17] Filwaqt li l-maġġoranza l-kbira tal-utenti finali jipprovdu feedback, hemm xi eċċezzjonijiet – pereżempju l-GFCM ma pprovdietx feedback tal-utenti finali mqassam mill-Istati Membri.

attivitajiet regolari tal-ġbir ta' *data* tal-Istati Membri[18], u fejn xieraq għandhom jiġu kkoordinati mill-RCGs fil-livell tal-baċir tal-baħar.

2.5. Approċċ reġjonali għall-implimentazzjoni

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġbir ta' *data* ilha tfittex li tippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali, u ilhom isiru laqgħat ta' koordinazzjoni reġjonali minn nofs is-snin 2000. Skont l-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni fil-PKS il-ġdida, id-DCF jipprevedi l-ħolqien ta' RCGs. Il-kooperazzjoni reġjonali ttejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-ġbir ta' *data* permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien espert, id-*data,* l-għarfien u l-kompiti u permezz ta' kollaborazzjoni u standardizzazzjoni reġjonali. Hija mistennija li twassal għall-armonizzazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali u eventwalment għal pjanijiet ta' ħidma reġjonali.

L-RCGs ilaqqgħu flimkien lill-Istati Membri skont il-baċiri tal-baħar sabiex jikkoordinaw l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-ġbir ta' *data*. L-RCGs kollha jagħmlu laqgħat annwali (l-Anness 2 tas-CSWD) u l-biċċa l-kbira jorganizzaw laqgħat intersessjonali u laqgħat tas-sottogruppi. L-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp ta' azzjonijiet reġjonali permezz tal-RCGs ġie pprovdut permezz ta' boroż ta' studju.

L-RCGs itejbu l-konsistenza fil-ġbir ta' *data* f'baċir tal-baħar permezz ta' metodoloġiji u ta' approċċi miftiehma biex iwieġbu għal sejħiet għad-*data,* il-kooperazzjoni dwar stħarriġiet xjentifiċi mmexxi mill-Istati Membri (eż. qsim tal-kompiti), il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kampjunar, l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' *data* (eż. kontrolli ta' kwalità qabel it-tlugħ tad-*data*, segwitu tal-kwistjonijiet irrapportati fl-Għodda għall-Monitoraġġ tat-Trażmissjoni tad-*Data*) u l-koordinazzjoni tal-ħidma relatata ma' bażijiet ta' *data* reġjonali. L-RCGs jaħdmu wkoll fuq livell pan-reġjonali għal kwistjonijiet rilevanti għal baċiri tal-baħar oħrajn. Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom jiġu stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet (l-Anness 10 tas-CSWD), diskussi mal-STECF kull sena, u jiġi żgurat segwitu xieraq.

Sa mill-2017, l-RCGs bdew jiżviluppaw pjanijiet ta' ħidma reġjonali. Fil-proċess, l-RCGs għandhom jikkunsidraw bidliet possibbli fil-kampjunar, limiti fil-finanzjament, l-isfida tal-implimentazzjoni ta' proċeduri komuni fost l-Istati Membri differenti u l-kollegament tal-ħidma tal-RCG ma' dik tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

L-RCGs u l-PGECON jiltaqgħu perjodikament mal-Kummissjoni, mal-korrispondenti nazzjonali u mal-utenti finali biex jikkoordinaw u jiddiskutu l-attivitajiet tal-ġbir ta' *data* fil-laqgħat ta' kollegament, ta' deċiżjonijiet konġunti u tal-utenti finali.

[18] Ir-riżultati preliminari diġà qed jiġu integrati fl-attivitajiet regolari tal-ġbir ta' *data* tal-Istati Membri, jew l-Istati Membri qed jesploraw alternattivi fejn il-metodi ttestjati ma tawx ir-riżultati mistennija.

Fil-laqgħat ta' kollegament annwali, il-presidenti tal-RCG/PGECON, il-Kummissjoni u l-utenti finali jaħdmu fuq li ġej:

i) l-iżgurar tal-konverġenza tal-ħidma tal-RCGs;
ii) l-indirizzar u r-raggruppament tar-rakkomandazzjonijiet mill-RCGs sabiex ikunu jistgħu jsiru sinerġiji;
iii) it-tisħiħ tar-rabta bejn l-RCGs u l-PGECON;
iv) l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet pan-Ewropej u l-proposta ta' azzjonijiet;
v) it-titjib tal-kooperazzjoni mal-utenti finali u mal-Kummissjoni; u
vi) l-għoti ta' viżibbiltà lill-RCGs u lill-PGECON.

Il-laqgħa annwali tal-RCGs mal-utenti finali (e.ż. l-ICES, l-STECF, l-RFMOs) hija kruċjali għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti finali għal sejħiet għad-*data* futuri u għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet tat-trażmissjoni tad-*data*.

3. Il-finanzjament tal-ġbir ta' data

3.1. Il-finanzjament taħt ġestjoni kondiviża

Il-FEMS huwa l-bażi ġuridika għall-finanzjament tal-UE tal-ġbir ta' *data*. Huwa jipprovdi għal finanzjament għall-ġbir ta' *data* taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri[19]. Il-finanzjament tal-FEMS jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-funzjonament xieraq tad-DCF u, għaldaqstant, tal-parir xjentifiku[20].

Għal bejn l-2014 u l-2020, ġie allokat total ta' EUR 532 miljun għall-ġbir ta' *data* mill-Istati Membri (l-Anness 11 tas-CSWD). Dan l-ammont jiġi allokat f'pakketti nazzjonali u għandu jiġi kkumplimentat minn finanzjament nazzjonali (li jammonta għal 25 % tal-finanzjament tal-UE).

Rapport ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni dwar is-Sajd u l-Akkwakultura[21] dwar in-nefqa tad-DCF għall-Istati Membri matul il-perjodu tal-FEMS jipprovdi informazzjoni finanzjarja dwar id-diversi elementi tal-ġbir ta' *data*. Il-persunal u l-bastimenti tar-riċerka jirrappreżentaw, bħala medja, kważi 80 % tal-ispejjeż totali tad-DCF filwaqt li l-ġbir ta' *data* ekonomika u soċjali jirrappreżenta madwar 7/8 %. Dan ifisser li madwar 90 % tal-ispejjeż huma direttament jew indirettament relatati mal-ġbir ta' *data* bijoloġika u ambjentali.

Il-konformità, bħala kundizzjoni għall-finanzjament tal-FEMS, tiġi ttestjata skont ħames kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/1930[22]. In-nuqqas ta' konformità jista' jwassal

[19] Qabel l-2014, il-ġbir ta' *data* ġie ffinanzjat taħt sistema ta' ġestjoni diretta.
[20] L-interim evaluation study of the implementation of the direct management component of the EMFF jikkonkludi: "B'mod ġenerali, il-parir xjentifiku u l-ġbir ta' *data* ffinanzjati permezz tal-ġestjoni diretta tal-FEMS jingħataw permezz ta' proċessi stabbiliti sew biex jiġi żgurat li l-parir u d-*data* jkunu effettivi fl-infurmar tal-objettivi tal-PKS" (p.53). Il-perjodu relatat ma' dan ir-rapport kien bejn l-2014 u l-2016. Matul dan iż-żmien il-ġbir ta' *data* u l-parir xjentifiku ġew implimentati taħt is-sistema ta' ġestjoni diretta. https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/1f424d68-d670-11e8-9424-01aa75ed71a1/language-en
[21] L-unità ta' appoġġ ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tas-Sajd u tal-Akkwakultura għall-FEMS, il-kategoriji tal-infiq għall-ġbir ta' *data* - ir-rapport finali tal-2020. Mhux pubblikament disponibbli. Il-perjodu rilevanti għad-*data* huwa l-2017 u/jew l-2018, l-aktar snin riċenti li għalihom kien hemm *data* disponibbli. Mhux l-Istati Membri kollha ġew mistħarrġa.
[22] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1930 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet

għal sospensjoni, interruzzjoni jew irkupru ta' appoġġ finanzjarju[23]. B'mod ġenerali, l-Istati Membri marru tajjeb f'dawn il-kriterji. Ma ġie identifikat l-ebda ksur tal-obbligi tal-ġbir ta' *data* u matul il-perjodu ta' rapportar ma nbdiet l-ebda azzjoni finanzjarja.

3.2. Finanzjament ta' għotjiet reġjonali taħt ġestjoni diretta

Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ biex issaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali permezz ta' għotja ta' azzjoni[24]. L-istudji mogħtija (li jammontaw għal kważi EUR 2 miljun) taw għodod, formati u metodoloġiji, inklużi ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tad-*data* fil-livell reġjonali, għal kampjunar reġjonali għall-ġbir ta' *data* dwar stokkijiet kondiviżi (l-Anness 12 tas-CSWD). Ġew iffinanzjati erba' studji: FishPi2 (*data* bijoloġika dwar is-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana, fl-Artiku tal-Lvant u fl-Atlantiku tat-Tramuntana); STREAM (*data* bijoloġika dwar is-sajd fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed); RECOLAPE (speċijiet migratorji ħafna); u SECFISH (*data* soċjoekonomika għas-sajd, għall-akkwakultura u għall-ipproċessar)[25].

L-istudji ġew konklużi f'nofs l-2019 u pprovdew sett ta' għodod u proposti possibbli għall-attivitajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari f'oqsma ta' sfidi ġodda, b'dimensjoni reġjonali (eż. *data* dwar speċijiet protetti u sensittivi, sajd fuq skala żgħira u sajd rikreattiv tal-baħar). Ir-riżultati jistgħu jintużaw għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ħidma reġjonali; inkella, jistgħu jintużaw b'mod ikkoordinat fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali.

KONKLUŻJONIJIET

Data affidabbli u kompluta hija fundamentali għall-iżvilupp tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, li min-naħa tiegħu huwa kruċjali għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni skont il-PKS.

Ir-Regolament (UE) 2017/1004 joħloq id-DCF. Dan hu reġim regolatorju stabbilit sew, li jipprovdi l-istruttura, l-għodod u l-flessibbiltà xierqa għall-ġbir ta' *data* mill-Istati Membri fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, b'appoġġ għall-parir xjentifiku u tax-xjenza.

Bħala sistema deċentralizzata fejn l-Istati Membri jiġbru, iżommu u jissottomettu d-*data* lill-utenti finali, id-DCF jiddependi ħafna fuq il-koordinazzjoni kumplessa bejn il-parteċipanti kkonċernati. Dawn huma b'mod partikolari l-*Kummissjoni*, li tissorvelja u tappoġġa l-implimentazzjoni; il-*korpi tal-Istati Membri*, li jiġbru d-*data*; il-*gruppi ta' koordinazzjoni reġjonali,* li jistandardizzaw il-metodi u l-proċessi fil-livell reġjonali; u l-*utenti finali* tad-*data*. Dawn tal-aħħar huma fundamentali fid-definizzjoni tal-ħtiġijiet tad-*data* u fl-għoti ta' feedback dwar il-kwalità tad-*data* ppreżentata.

L-istrutturi u l-arranġamenti operatorji meħtieġa għal dan il-proċess issa huma mifhuma sew, użati u aċċettati mill-atturi kollha involuti, inkluż b'mod internazzjonali. Il-ħatra tal-

---

Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-kriterji għall-istabbiliment tal-livell ta' korrezzjonijiet finanzjarji u għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa, u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008, ĠU L 282, 28.10.2015, p. 2.

[23] Il-kriterji huma dawn li ġejjin: il-ġbir ta' *data*, il-koordinazzjoni nazzjonali tal-attivitajiet tal-ġbir ta' *data*, il-koordinazzjoni reġjonali mal-Istati Membri, is-sottomissjoni tar-rapporti annwali, u l-forniment ta' *data* lill-utenti finali (fallimenti fit-trażmissjoni tad-*data*).

[24] MARE 2016/22, https://ec.europa.eu/fisheries/call-proposals-mare201622_en

[25] https://datacollection.jrc.ec.europa.eu/regional-coordination

korrispondenti nazzjonali kienet importanti biex tiġi sistematizzata l-kollaborazzjoni dwar l-implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-finanzjament tal-UE għall-ġbir ta' *data* taħt il-FEMS juri użu relattivament għoli, li jista' jiġi interpretat bħala impenn mill-Istati Membri biex jinvestu u jagħtu riżultati dwar il-ġbir ta' *data*. L-involviment attiv tal-Kummissjoni (appoġġat mill-STECF) mal-Istati Membri jippermetti monitoraġġ u titjib kontinwu.

Skont il-PKS il-ġdida, id-DCF jagħmel enfasi akbar fuq ir-reġjonalizzazzjoni. L-RCGs qed jiżviluppaw ir-rwol tagħhom u saru ankrati b'mod aktar sod matul il-perjodu ta' rapportar, u dan irriżulta fil-konsolidazzjoni tal-metodi ta' ħidma tagħhom. Bl-appoġġ ta' għotjiet ta' studju speċifiċi, inkisbu l-ewwel riżultati tanġibbli (fil-forma ta' għodod u proposti għal kampjunar reġjonali għal reġjuni differenti). Fl-espansjoni u fl-intensifikazzjoni tal-operazzjonijiet tagħhom, l-RCGs issa qed jiffaċċjaw limitazzjonijiet operazzjonali u jistgħu jeħtieġu aktar appoġġ għall-funzjonament tagħhom fil-perjodu li ġej. Jenħtieġ li l-iżviluppi futuri jirriżultaw fi pjanijiet ta' ħidma reġjonali, li għandhom jiġu miftiehma fil-livell tal-RCG u implimentati mill-Istati Membri, u fl-identifikazzjoni ta' ospitant għall-bażi ta' *data* reġjonali għall-Baħar Mediterran u għall-Baħar l-Iswed u l-implimentazzjoni sussegwenti tiegħu.

L-enfasi ġenerali għas-snin li ġejjin tad-DCF jenħtieġ li tkun fuq is-solidifikazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu f'kooperazzjoni kontinwa mal-Istati Membri. Dan jinkludi l-indirizzar tal-isfidi li ġejjin (bħal dawk dwar speċijiet protetti, fil-periklu u mhedda jew għarfien dwar l-ekosistema usa'); ir-rispons u l-integrazzjoni tal-ħtiġijiet tad-*data* li qed jevolvu (kif identifikati mill-utenti finali); ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċessi; u aktar titjib u armonizzazzjoni tal-metodi u l-applikazzjoni tagħhom fil-livell tal-baċir tal-baħar. Għall-MAP tal-UE mill-2021, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-RCGs għandhom sfidi ċari quddiemhom: sabiex jiżguraw li r-riżultati tal-istudji pilota u ta' għotja jkunu integrati fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tal-Istati Membri, u sabiex jiġi żgurat li l-RCGs jippreparaw pjanijiet ta' ħidma reġjonali, b'mod partikolari għall-isfidi l-ġodda.

Il-prevedibbiltà għall-ħafna atturi fil-ġbir ta' *data* hija prerekwiżit vitali biex jiġi żgurat il-funzjonament fit-tul tal-ġbir ta' *data* u, għaldaqstant tal-parir xjentifiku taħt il-PKS. Minbarra li tipprovdi perspettiva stabbli għad-DCF u għal-leġiżlazzjoni relatata, l-allokazzjoni ta' finanzjament suffiċjenti taħt il-FEMS il-ġdid, kemm minn sorsi tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali, hija kruċjali.